MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2494/2003

**Mile End Services Limited**

**vs**

**Christopher u Mary Grace konjugi Azzopardi u b'digriet**
**tat-Tribunal tal-5 ta' Marzu 2004, kunjom il-konvenuti gie**
**jinqara bhala "Martin" minflok Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Dicembru, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u u tlieta u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm343.35) rappresentanti ammont dovut ghar-riparazzjoni tal-vettura tat-tip FORD ESCORT fuq struzzjonijiet tal-konvenut John Christopher Martin, skond kif jirrizulta minn document minnu iffirmat fid-29 ta' Mejju 2003, anness ma'l-avviz bhala Dokument A. Bl-ispejjez, inkluzid awk ta'l-ittra

interpellatorja datata 3 ta’ Dicembru 2003, anness ma’l-avviz bhala Dokument B u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-prezentata ta’l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, ngunti ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u tlieta u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm343.35), bl-imghaxijiet legali mis-16 ta’ Dicembru 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra interpellatorja annessa ma’l-avviz bhala Dokument B, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------